# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Ħmistax (15) ta' April 2021**

**Rikors Numru 347/09 FDP**

Fl-ismijiet

**Dominic Agius li, b'digriet tal-20 ta' Settembru 2012 l-atti tiegħu ġew trasfużi f'isem Michelle Scicluna, Alice Cuschieri, Valerie Salerno u Stephen Agius;**

**Paul Agius, li b'digriet tal-11 ta' Marzu 2011, l-atti tiegħu ġew trasfużi f'isem John Agius u Mary Lourdes Agius, bħala eredi;**

**Mary Agius bħala użufruttwarja u permezz ta' dirġiet tat-13 ta' Mejju 2020, ġew maħtura Dr Yanica Buġeja u l-PL Doreen Aquilina bħala kuraturi deputati għall-eredi ta' Mary Lourdes Agius;**

**John Mary sive Jimmy Agius u Maria Assunta Caruana, aħwa Agius**

**Vs**

**Alfred Agius, Anthony Agius, Carmela Ghigo, Salvatore Agius, Maria Dolores Psaila u Emanuela Galea, aħwa Agius**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 7 ta' April 2009, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

1. *Illi fis-26 ta' Mejju 1984 miet missierhom Giuseppe Agius, filwaqt li fit-22 ta' Jannar 2004 mietet ommhom Maria Agius;*

2. *Illi bis-saħħa ta' testment unica carta fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tas-26 ta' Jannar 1972, l-imsemmi Giuseppe Agius innomina b'eredi universali tiegħu lill-għaxar uliedu, ossia l-kontendenti kollha, f'ishma indaqs bejniethom;*

3. *Illi minbarra l-imsemmi testment unica carta, ommhom Maria Agius għamlet erba' testmenti oħra, tnejn fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel tat-23 ta' Marzu 1985 u tal-21 ta' Ġunju 1988 rispettivament, u tnejn oħra fl-atti tan-nutar Joseph Raphael Darmanin tat-12 ta' Jannar 1994 u tas-17 ta' Marzu 1994 rispettivament;*

4. *Illi permezz tal-imsemmija testmenti tagħha, Maria Agius ħalliet diversi prelegati lill-uħud mill-kontendenti u nnominat b'eredi universali tagħha lill-għaxar uliedha, ossia l-kontendenti kollha, f'ishma indaqs bejniethom;*

5. *Illi in forza tat-testment tagħha fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel tat-23 ta' Marzu 1985, l-imsemmija Maria Agius ħalliet b'titolu ta' prelegat favur l-esponent Dominic Agius il-mezzanin 'St Joseph', fi Triq in-Nissieġ (ġa Triq San Ġużepp), Ħaż-Żabbar, flimkien mal-garaxx sottopost għalih favur l-esponent Dominic Agius;*

6. *Illi bl-imsemmi testament, il-mejta Maria Agius ħalliet b'titolu ta' prelegat favur l-esponent Paul Agius il-flat 2, 'St Mary Flats', Triq F. Tortell, Paola flimkien mal-garaxx sottopost;*

7. *Illi bl-istess testment, Maria Agius ħalliet b'titolu ta' prelegat favur l-esponent l-ieħor John Mary Agius il-flat 1, 'St Mary Flats', Triq F. Tortell, Paola flimkien mal-garaxx sottopost;*

8. *Illi in forza tal-aħħar żewġ testmenti tagħha fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin, l-istess Maria Agius ħalliet b'titolu ta' prelegat favur l-esponenti Maria Assunta Caruana id-dar 54, 'St Paul', Triq Santa Katerina, Żurrieq, u l-garaxx sottopost għall-blokk 'St Paul's Flats', Triq San Pawl, Żurrieq, flimkien ma' dak kollu li kien jinsab mill-għatba 'l ġewwa fid-dar 54, 'St Paul', Triq Santa Katerina, Żurrieq, fil-jum ta' mewtha, esklużi flus, titoli li jirrappreżentaw flus, deheb, affarijiet prezzjużi u kotba tal-bank.*

9. *Illi l-esponenti interpellaw diversi drabi lill-intimati sabiex bonarjament jimmettuhom fil-pussess tal-legati fuq imsemmija, u jaddivjenu għall-qasma tal-bqija tal-assi imħollija lilhom mill-*

*ġenituri tagħhom kif fuq ingħad, pero' dawn baqgħu sal-lum jirrifjutaw li jagħmlu dan.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li tirriżulta meħtieġa, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha:*

(i) *tikkundanna lill-konvenuti sabiex' fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, jimmettu lil kull wieħed u waħda mill-esponenti fil-pussess tal-prelegati mħollija lilhom minn ommhom Maria Agius bit-testmenti tagħha kif fuq spjegat;*

(ii) *tillikwida l-bqija tal-assi ereditarji rispettivi tal-mejtin Giuseppe Agius u Maria Agius;*

(iii) *taqsam l-assi hekk likwidati bejn il-kontendenti fis-sehem rispettivi tagħhom;*

(iv) *tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dawk il-beni li mhumiex komodament diviżibbli, bl-ammissjoni ta' offerenti estranei taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni, u li r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti fis-sehem rispettiv tagħhom;*

(v) *tinnomina Nutar Pubbliku għall-pubblikazzjoni tal-att ta' diviżjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati, li jibqgħu inġunti minn issa għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-18 ta' Mejju 2009 l-konvenuta Maria Dolores Psaila irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

1) *Illi l-esponenti, riferibbilment għall-ewwel talba tar-rikorrenti fejn huma talbu li jiġu immessi fil-pussess tal-pre-legati mħollija lilhom minn ommhom Maria Agius, ma jopponux li jimmettu lir-rikorrenti fil-pussess ta' dawk il-pre-legati imħollija lilhom minn ommhom skond il-każ u li kienu propjeta' ta' ommhom fid-data tal-mewt tagħha.*

2) *Illi riferibbilment ukoll għall-ewwel talba kif kontenuta fir-rikors promotur, jiġi rilevat li l-pre-legati hemm imsemmija huma in parte (kwantu għal nofs indiviż ta' kull immobbli) prelegati ta' ħwejjeġ li ma kinux tat-testatriċi Maria Agius (legato di cosa altrui). Skond l-artikolu 696 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-esponenti għandhom il-jedd li jagħżlu li jew jimmettu lir-rikorrenti fil-pussess tal-pre-legat ta' ħwejjeġ ħaddieħor lilhom imħolli, jew li jħallsu*

*(skond is-sehem rispettiv tagħhom mill-wirt) daqskemm kienu jiswew dawn il-beni meta mietet it-testatriċi. Illi għaldaqstant l-ewwel talba in kwantu tirreferi għal-legati di cosa altrui hi legalment insostenibbli peress li t-talba kellha tkun fis-sens li jintalab jew l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat jew il-ħlas tal-valur tiegħu skond il-liġi, u għaldaqstant għandha tiġi miċħuda.*

3) *Illi subordinatament u mingħajr preġidizzju għall-premess, u biss fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-eċċezzjoni preċedenti, il-kontendenti kollha jridu jirripristinaw il-wirt ta' Giuseppe Agius bil-valur ta' dawk il-pre-legati li jkunu tnaqqsu mill-wirt tiegħu u mogħtija lill-pre-legatarji nominati minn martu Maria Agius.*

4) *Illi subordinatament u mingħajr preġidizzju għall-premess, skond l-artikolu 726 tal-Kap 16 il-legatarju għandu jitlob lill-werrieta il-pussess tal-ħaġa mħollija lilu b'legat. Illi fil-kawża odjerna, il-pre-legatarji qed jitolbu li jiġu immessi fil-pussess tal-pre-legati imħollija lilhom minn uħud mill-eredi biss, u sakemm ma jkunx hemm l-adeżjoni tal-werrieta kollha (i.e. r-rikorrenti) għal din l-immissjoni fil-pussess, it-talba għall-immissjoni fil-pussess ma tistax tintlaqa'.*

5) *Illi subordinatament u mingħajr preġidizzju għall-premess, u biss f'każ li tiġi miċħuda t-tieni eċċezzjoni, ir-rikorrenti jridu jirrifondu lill-intimati l-ħlas tat-taxxa u spejjeż anċillari mħallsa mill-intimati dwar dawk l-assi li kienu derivanti mill-wirt ta' Giuseppe Agius, u li kienu ġew denunzjati minnhom bħala tagħhom wara li miet missierhom Giuseppe Agius, u liema assi sussegwentement tħallew bi pre-legat di res altrui lir-rikorrenti minn ommhom.*

6) *Illi l-esponenti ma jopponux, u qatt m'opponew, li ssir il-qasma tal-assi tad-defunti ġenituri tagħhom Giuseppe Agius u Maria Agius, salv pero' l-verifika tal-konsistenza tal-assi formanti l-wirt taż-żewġ ġenituri tal-kontendenti (li minn issa stess qed jiġi dikjarat li ma hemmx qbil mal-assi kif indikati mir-rikorrenti fid-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat), u tal-kwoti relattivi, u bil-bejgħ b'liċitazzjoni tal-assi kollha li mhumiex kommodament diviżibbli, u bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji.*

7) *Illi l-esponenti m'għandhomx ibatu spejjeż ġudizzjarji.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

3. Rat li l-konvenuti l-oħra irrispondew għal dak mitlub fit-18 ta' Mejju 2019 billi qajjmu dawn id-difiżi:

1) *Illi l-esponenti, riferibbilment għall-ewwel talba tar-rikorrenti fejn huma talbu li jiġu immessi fil-pussess tal-pre-legati mħollija lilhom minn ommhom Maria Agius, ma jopponux li jimmettu lir-rikorrenti fil-pussess ta' dawk il-pre-legati imħollija lilhom minn ommhom skond il-każ u li kienu propreta' ta' ommhom fid-data tal-mewt tagħha.*

2) *Illi riferibbilment ukoll għall-ewwel talba kif kontenuta fir-rikors promotur, jiġi rilevat li l-pre-legati hemm imsemmija huma in parte (kwantu għal nofs indiviż ta' kull immobbli) prelegati ta' ħwejjeġ li ma kinux tat-testatriċi Maria Agius (legato di cosa altrui). Skond l-artikolu 696 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-esponenti għandhom il-jedd li jagħżlu li jew jimmettu lir-rikorrenti fil-pussess tal-pre-legat ta' ħwejjeġ ħaddieħor lilhom imħolli, jew li jħallsu (skond is-sehem rispettiv tagħhom mill-wirt) daqskemm kienu jiswew dawn il-beni meta mietet it-testatriċi. Illi għaldaqstant l-ewwel talba in kwantu tirreferi għall-legati di cosa altrui hi legalment insostenibbli peress li t-talba kellha tkun fis-sens li jintalab jew l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat jew il-ħlas tal-valur tiegħu skond il-liġi, u għaldaqstant għandha tiġi miċħuda.*

3) *Illi subordinatament u mingħajr preġidizzju għall-premess, u biss fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-eċċezzjoni preċedenti, il-kontendenti kollha jridu jirripristinaw il-wirt ta' Giuseppe Agius bil-valur ta' dawk il-pre-legati li jkunu tnaqqsu mill-wirt tiegħu u mogħtija lill-pre-legatarji nominati minn martu Maria Agius.*

4) *Illi subordinatament u mingħajr preġidizzju għall-premess, skond l-artikolu 726 tal-Kap 16 il-legatarju għandu jitlob lill-werrieta il-pussess tal-ħaġa mħollija lilu b'legat. Illi fil-kawża odjerna, il-pre-legatarji qed jitolbu li jiġu immessi fil-pussess tal-pre-legati imħollija lilhom minn uħud mill-eredi biss, u sakemm ma jkunx hemm l-adeżjoni tal-werrieta kollha (i.e. r-rikorrenti) għal din l-immissjoni fil-pussess, it-talba għall-immissjoni fil-pussess ma tistax tintlaqa'.*

5) *Illi subordinatament u mingħajr preġidizzju għall-premess, u biss f'każ li tiġi miċħuda t-tieni eċċezzjoni, ir-rikorrenti jridu jirrifondu lill-intimati l-ħlas tat-taxxa u spejjeż anċillari imħallsa mill-intimati dwar dawk l-assi li kienu derivanti mill-wirt ta' Giuseppe Agius, u li kienu ġew denunzjati minnhom bħala tagħhom wara li miet missierhom Giuseppe Agius, u liema assi sussegwentement tħallew bi pre-legat di res altrui lir-rikorrenti minn ommhom.*

6) *Illi l-esponenti ma jopponux, u qatt m'opponew, li ssir il-qasma tal-assi tad-defunti ġenituri tagħhom Giuseppe Agius u Maria Agius,*

*salv pero' l-verifika tal-konsistenza tal-assi formanti l-wirt taż-żewġ ġenituri tal-kontendenti (li minn issa stess qed jiġi dikjarat li ma hemmx qbil mal-assi kif indikati mir-rikorrenti fid-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat), u tal-kwoti relattivi, u bil-bejgħ b'liċitazzjoni tal-assi kollha li mhumiex komodament diviżibbli, u bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji.*

7) *Illi l-esponenti m'għandhom ibatu spejjeż ġudizzjarji.*

**Provi:**

4. Rat l-affidavit ta' **Dominic Agius** ippreżentat fl-14 ta' Jannar 2010 (fol 75).
5. Rat l-affidavit ta' **Maria Assunta Caruana** ippreżentat fl-14 ta' Jannar 2010 (fol 77).
6. Rat illi b'digriet datat 9 ta' Lulju 2009, il-Qorti appuntat lil Dr David Camilleri Podesta bħala Perit Legali.
7. Rat illi fit-2 ta' Ottubru 2013, il-Perit Legali David Camilleri Podesta talab li jiġi eżonerat minħabba raġunijiet ta' xogħol, filwaqt illi ppreżenta d-dokumentazzjoni minnu miġbura fid-dsatax (19)-il seduta miżmuma quddiemu.
8. Rat illi fl-4 ta' Ottubru 2013, il-Qorti appuntat lill-Perit Legal Dr Abigail Critien bħala Perit Legali.
9. Rat l-affidavit ulterjuri ta' Maria Assunta Caruana (fol 43-44).
10. Rat l-affidavit ta' Alfred Agius (fol 90-94).
11. Rat l-affidavit ta' Maria Dolores Psaila (fol 99).
12. Rat ix-xhieda ta' Romuald Attard in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Ltd. (fol 102).
13. Rat ix-xhieda ta' Audrey Ghigo in rappreżentanza tal-HSBC Bank Malta PLC (fol 103).
14. Rat l-affidavit ta' Anthony Agius (fol 106).
15. Rat l-affidavit ta' Saviour Agius (fol 120).
16. Rat ix-xhieda ta' Carlo Farrugia in rappreżentanza ta' Middle Sea Insurance (fol 171).
17. Rat l-affidavit ta' Mark Vella (fol 182).

18. Rat l-affidavit ta' Carmen Għigo (fol 189-192).

19. Rat l-affidavit ulterjuri ta' Maria Dolores Psaila (fol 214).

20. Rat ix-xhieda ta' Saviour Agius in kontro-eżami (fol 216).

21. Rat ix-xhieda ta' Maria Dolores Psaila in kontro-eżami (fol 227).

22. Rat ix-xhieda ta' Anthony Agius in kontro-eżami (fol 230).

23. Rat in-nota tal-Perit Mario Cassar li spjega li hu għamel ħiltu sabiex jinżamm l-aċċess u biex jespleta l-inkarigu lilu mogħti, iżda minkejja t-tentattivi tiegħu, dan ma ġiex iffissat. Wara talba tal-Avukat Pawlu Lia, li talab li l-Perit Mario Cassar jiġi sostitwit, il-Perit Mario Cassar eżebixxa għal kull buon fini l-korrispondenza kollha a fol 254 et seq.

24. Rat li permezz ta' digriet datat 4 ta' Ġunju 2014, il-Perit Mario Cassar ġie sostitwit bil-Perit Alan Saliba.

25. Rat ir-rapport tal-Perit Alan Saliba ppreżentat fil-11 ta' Diċembru 2018 a fol 342 et seq.

26. Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Vincent Galea ippreżentat fid-9 ta' Ottubru 2019 (fol 415).

27. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippreżentata fit-3 ta' Diċembru 2020 (fol 697).

28. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ippreżentata fl-4 ta' Frar 2021 (fol 709).

## Fatti tal-każ

29. Permezz ta' dan il-każ, qed jiġi mitlub li tinqasam l-eredita` tal-konjuġi Giuseppe Agius u Maria Agius li mietu fis-26 ta' Mejju 1984 u fit-22 ta' Jannar 2004. Jirriżulta li l-konjuġi Agius kienu l-aħwa tal-kontendenti.

30. Jirriżulta li l-konjuġi Agius kienu għamlu testment unica carta fis-26 ta' Jannar 1972 fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat eżebit a fol 24. Min dan it-testment unica carta jirriżulta li l-ulied kollha kienu tħallew bħala eredi universali u padruni assoluti ta' ġidhom, u s-superstiti fost il-konjuġi, l-omm Maria Agius kellha l-użu u l-użufrutt tal-ġid kollu ta' żewġha.

31. Sussegwentement, Maria Agius kienet għamlet erbgħa testmenti addizzjonali fejn żiedet xi aġġuunti u modifiki għat-testment *unica carta*.

32. Jirriżulta li l-ewwel testment huwa datat 23 ta' Marzu 1985, u sar fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel.

33. Sussegwentement, Maria Agius għamlet testment addizzjonali datat 21 ta' Ġunju 1988 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel.

34. Sussegwentement, permezz ta' testment datat 12 ta' Jannar 1994 fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin, Maria Agius reġgħet għamlet modifika għat-testment *unica carta*.

35. Finalment, permezz ta' testment datat 17 ta' Marzu 1994 fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin (Dok J) eżebit a fol 40, it-testatriċi Maria Agius reġgħet għamlet modifiki għat-testment *unica carta*. Għalhekk, is-suċċessjoni ta' Maria Agius irregolat it-testment *unica carta,* kif modifikat bl-erba' testmenti sussegwenti modifikattivi tagħha.

36. Permezz tat-testmenti suċitati, Maria Agius, omm il-kontendenti kienet għamlet dawn il-prelegati favur uliedha.

    1. Favur l-attur ***Domenico Agius***, bis-sostituzzjoni ta' uliedu, il-mezzanin u l-garaxx **St. Joseph, fi Triq Ġdida fi Triq San Ġużepp Ħaż-Żabbar**.

    2. Favur l-attur ***Pawlu Agius***, bis-sostituzzjoni ta' uliedu l-appartament numru **tnejn (2) St. Mary Flats, Triq F. Tortell Paola u l-garaxx sottopost**.

    3. Favur l-attur ***John Mary Agius***, l-appartament numru wieħed **(1) St. Mary Flats Triq F. Tortell, Paola u l-garaxx sottopost**.

    4. Favur l-attriċi ***Maria Assunta Caruana*** b'remunerazzjoni għas-serviġi li pprestat lil ommha, (a) id-dar **32, St. Paul, Triq Santa Katerina Żurrieq u l-garaxx** sottopost għall-blokk St. Paul's Flats, Triq Santa Katerina Żurrieq flimkien ma' (b) dak kollu li kien jinsab f'din id-dar, fid-data ta' mewtha eskluż flus, titoli li jirrappreżentaw flus, deheb, affarijiet prezzjuzi u kotba tal-Bank.

    5. Favur il-konvenuta ***Emmanuela Galea***, bis-sostituzzjoni ta' uliedha, is-set ta' deheb abjad, konsistenti fi brazzuletta, ċurkett, imsielet u labra.

    6. Favur il-konvenuta ***Doris Psaila*** il-ġiżirana tad-deheb li l-istess Doris Psaila kienet irregolat lil ommha.

    7. Favur il-konvenuta ***Carmela Ghigo, Doris Psaila, Emma Galea u l-attriċi Maria Assunta Caruana***, id-deheb kollu tagħha li jintlibes min-nisa fi kwoti indaqs bejniethom.

8. Favur ***Alfred Agius, Salvatore Agius, Anthony Agius, John Mary Agius, Paul Agius u Domenico Agius***, id-deheb kollu li jintlibes mill-irġiel, kemm dak li jappartjeni lilha u lid-defunt żewġha fi kwoti indaqs bejniethom.

37. Fil-mori tal-każ, mietu l-attur Domenico Agius, l-attur Paul Agius, u bintu Maria Lourdes Agius. Minflok, assumew l-atti s-suċċessuri tagħhom ħlief għal Maria Lourdes Agius stante li s-suċċessuri tagħha mhumiex magħrufa, b'hekk l-eredita` tagħha hija rappreżentata f'dan il-każ mill-kuratriċi Dr. Yanica Buġeja u l-P.L. Doreen Aquilina skont digriet datat 13 ta' Mejju 2020 (fol 613).

38. Jirriżulta li Paul Agius miet fis-27 ta' Novembru 2010 u skont it-testment tiegħu datat 30 ta' Diċembru 1984 (fol 85) assumew l-atti l-armla Mary Agius u uliedu John Paul u Lourdes Agius. L-attur Domenico Agius miet fit-3 ta' Lulju 2012 u skont testment *unica carta* datat 12 ta' Jannar 1999 (fol 109), assumew l-atti uliedu Michelle Scicluna, Alice Cuschieri, Valerie Salerno u Stephen Agius. Bint l-attur Paul Agius, Maria Lourdes Agius mietet fil-15 ta' Settembru 2018,u fl-interess tas-suċċessuri tagħha mhux magħrufa, ġew maħtura Dr. Yanica Buġeja u l-P.L. Doreen Aquilina.

39. Jirriżulta li tħallset id-denunzja wara l-mewt tal-missier Guseppi Agius Dok C (eżebita a fol 10-16), u wara l-mewt tal-omm Maria Agius, ġiet ippubblikata d-dikjarazzjoni *causa mortis* fit-22 ta' Novembru 2014, b'hekk tħallset it-taxxa relattiva kif jidher minn Dok K (fol 41-51).

40. Jirriżulta li ġie ppreżentat ir-rapport tal-Perit Alan Saliba, il-Perit nominat mill-Qorti fejn ġew stmati l-valuri tal-immobbli kollha, kif ukoll il-proprjetajiet kollha li tħallew bil-prelegat mill-omm. Il-Perit Tekniku irrelata li dawn il-proprjetajiet ma jistgħux jinqasmu, minħabba in-natura tagħhom, fi kwoti rispettivi bejn il-partijiet, għalhekk għandhom jiġu liċitati. L-istima tal-immobbli formanti parti mill-assi ereditarji tal-ġenituri tal-partijiet hija s-segwenti u tqis kemm il-valur tal-propjetajiet illi tħallew bi prelegat mill-omm u li ngħaddew wara il-mewt tagħha fit-22 ta' Jannar 2004, kif ukoll valur tal-propjetajiet kollha fid-data tar-rapport, ossija 2019.

| | **Valur 2004 €** | **Valur 2019 €** |
|---|---|---|
| Dar, 32, St. Paul's House, Triq Santa Katerina Żurrieq | 540,000 | 560,000 |
| Garaxx 10, Triq F. Tortell Paola | 135,000 | 150,000 |
| Garaxx 14, Triq F. Tortell Paola | 148,500 | 165,000 |
| Flat 1, 12, St. Mary, Triq F. Tortell Paola | 121,500 | 135,000 |
| Flat 2, 12, St. Mary, Triq F. Tortell Paola | 117,000 | 130,000 |
| Garaxx Plot 19, Triq in-Nissieġ, Żabbar | 130,500 | 145,000 |
| Mezzanin, Plot 19, triq in-Nissieġ, Żabbar | 126,000 | 140,000 |
| Flat 1, 22, St. Paul's Flats, Triq Santa Katerina Żurrieq | | 105,000 |
| Plot, Tal-Andar, Żurrieq | | 22,000 |
| Raba' Tal-Marsa, Żurrieq | | 21,000 |

| | | |
|---|---|---|
| Raba’ Taz-Żebbug, Gudja | | 102,000 |
| Dar, 187, Triq San Pawl Żurrieq | | 140,000 |
| Garaxx, 182, Triq San Pawl Żurrieq | | 38,000 |
| Garaxx 26, Triq Santa Katerina Żurrieq | | 116,000 |
| Plot, Plot 7, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 196,000 |
| Plot, Plot 21, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 224,000 |
| Plot, Plot 47, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 196,000 |
| Plot, Plot 48, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 192,000 |
| Plot, Plot 49, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 66,000 |
| Plot, Plot 50, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 12,200 |
| Plot, Plot 51, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 13,300 |
| Plot, Plot 52, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 13,500 |
| Plot, Plot 53, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 13,200 |
| Plot, Plot 54, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 14,500 |
| Plot, Plot 60, Triq in-Nissieġ Żabbar | | 18,200 |
| Plot, Plot 62, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 13,200 |
| Plot, Plot 63, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 68,500 |
| Plot, Plot 86, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 150,000 |
| Plot, Plot 87, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 40,000 |
| Plot, Plot 88, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 14,400 |
| Plot, Plot 89, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 14,700 |
| Plot, Plot 90, Triq in-Nissieġ, Żabbar | | 19,800 |
| Total | 1,282,500 | **3,248,500** |

41. Jirriżulta li ġie ppreżentat ir-rapport tal-Perit Legali nominat mill-Qorti Dr. Vincent Galea, fejn wasal għal konklużjoni illi t-testatriċi Maria Agius, omm il-partijiet, meta għamlet il-prelegati, ddikjarat illi kienet a korrent tal-fatt li l-propjeta, hekk mogħtija in prelegat, ma kinux kollha tagħha, peress illi riżultat tal-komunjoni tal-akkwisti li kellha hi mad-defunt raġel tagħha, Giuseppe Agius, missier il-partijiet. Għalhekk, l-Perit Legali ikkonkluda illi l-assi li ngħataw bħala prelegat kellhom jiġu immessi fil-pussess ta’ min ingħata l-prelegat, stante li ma japplikawx id-dettami tal-Artikolu 696 u 697 tal-Kodiċi Ċivili, li jirrigwarda Legat ta’ Ħwejjeġ Ħaddieħor, iżda japplika minflok dak pprovdut fl-Artikolu 698 tal-Kodiċi Ċivili.

## Kunsiderazzjonijiet

42. Jirriżulta, mill-premessi illi r-rikorrenti qegħdin, permezz tal-azzjoni preżenti, jitolbu prinċipalment tlett affarijiet:

    a. Illi l-konvenuti jimmittuhom fil-pussess tal-prelegati imħollija minn ommhom Maria Agius bl-imsemmija testmenti tagħha.

b. Illi ssir il-likwidazzjoni u qsim tal-bqija tal-assi ereditarji.

c. Illi tordna l-bejgħ bil-liċitazzjoni tal-beni kollha li mhumiex kommodament diviżibbli.

43. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-konvenuti qajmu dawn id-difiżi fejn eċċepew li, għalkemm ma jopponux li jimmettu lir-rikorrenti fil-pussess, saħqu li, skont l-Artikolu 696 tal-Kap 16, għandhom il-jedd jagħżlu li jew jimmittu lir-rikorrenti fil-pussess tal-pre-legat jew li jħallsu daqs kemm kienu jiswew il-beni meta mietet it-testatriċi. Ġie eċċepit ukoll li skont l-Artikolu 726 tal-Kap 16, il-legatarju għandu jitlob il-pussess tal-ħaġa mħollija lilu b'legat, għalhekk qed jingħad li jekk ma jkunx hemm l-adeżjoni tal-werrieta kollha it-talba tar-rikorrenti għall-immissjoni fil-pussess ma tistax tintlaqa'. Inoltre`, l-intimati sostnew li qatt ma opponew li ssir il-qasma tal-assi tad-defunti ġenituri tagħhom, salv il-verifika tal-konsistenza tal-assi, u tal-kwoti relattivi. Fir-risposta tagħha, l-konvenuta Maria Dolores Psaila, ssollevat l-istess eċċezzjonijiet imsemmija hawn fuq mill-konvenuti l-oħra

**Talbiet Rikorrenti**

- **<u>L-Ewwel Talba</u> - L-immissjoni fil-Pussess tal-legati imħollija minn Maria Agius.**

44. Jiġi osservat, li r-rikorrenti qed jitolbu li l-konvenuti jimmittuhom fil-pussess tal-legati mħollija lilhom minn ommhom Maria Agius, in segwitu għall-erba' testmenti li hija għamlet wara t-testment *unica carta* tal-konjuġi Agius, ġenituri tal-kontendenti. Fit-talbiet tagħhom, ir-rikorrenti talbu wkoll il-likwidazzjoni tal-assi ereditarji tad-defunti ġenituri tagħhom.

45. L-intimati, fl-eċċezzjonijiet u fis-sottomissjonijiet qed jikkontendu li hawnhekk japplika l-artikolu 696 tal-Kodiċi Ċivili, stante li hawnhekk si tratta ta' *legato di cose altrui*, stante li meta l-omm Maria Agius ħalliet il-legati imsemmija permezz tat-testmenti li mmodifikaw it-testment unica carta datat 26 ta' Jannar 1972, hija ma kinetx propretarja tal-assi kollha wara il-mewt tar-raġel tagħha, iżda biss sehem ta' nofs flimkien mat-tfal.

46. Ikun hawnhekk opportun illi tingħata ħarsa lejn it-tlett artikoli rilevanti għall-każ, ossija 696, 697 u 698 tal-Kap 16.

**L-Artikolu 696 tal-Kodiċi Ċivili** (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi:

> "(1) *Il-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswewx, ħlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor u mhux tiegħu; f'dan il-każ il-werriet jista' jagħżel jew li jakkwista l-ħaġa mħollija b'legat sabiex jgħaddiha lil-legatarju, jew li jħallas lil-legatarju l-valur ġust tagħha."*

> *(2) Iżda, jekk, il-ħaġa hekk imħollija b'legat, għalkemm tkun ta' ħaddieħor fi żmien it-testment, tkun saret proprjeta' tat-testatur fi żmien il-mewt tiegħu, il-legat ta' dik il-ħaġa huwa validu.*"

**L-Artikolu 697 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi:

> "*Id-disposizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan jgħoddu wkoll jekk il-ħaġa mħollija b'legat tkun tal-werriet, jew tal-legatarju inkarigat fit-testment biex jagħtiha lil terza persuna*."

**L-Artikolu 698 tal-Kodiċi Ċivili** jistipula hekk:

> "*Jekk it-testatur ikollu biċċa mill-ħaġa imħollija b'legat, jew jedd fuq dik il-ħaġa il-legat jiswa biss għal dik il-biċċa jew għal dak il-jedd, kemm il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa ma kinitx tiegħu*."

47. L-argument tal-intimati, kemm fl-eċċezzjonijiet u fis-sottomissjonijiet, huwa ppernjat prinċipalment fuq l-argument li l-oħħetti mħollija b'legat ma kinux jappartjenu esklussivament lill-omm peress li kienet biss sid in kwantu għal nofs indiviż kull mobbli u għalhekk huma jsostnu li għandu jkollhom il-jedd jagħżlu żewġ soluzzjonijiet: jew jimmittu lir-rikorrent fil-pussess tal-prelegat jew li iħallsu l-valur ta' kemm kienu jiswew dawn il-beni meta mietet it-testatriċi, l-omm.

48. Jirriżulta li l-intimati jossottolineaw li huwa proprju għalhekk, li ma jaqblux mal-konklużjoni tal-perit legali fejn qal it-talba rikorrenti dwar l-immissjoni fil-pussess kellha tintlaqa'. L-intimati qed jopponu għat-talba kif dedotta peress li fit-testment *unica carta* l-għaxar ulied ġew nominati bħala eredi indaqs fi kwota ta' 1/10 indiviż kull wieħed, u huwa proprju għalhekk li qed jopponu għat-talba kif dedotta, għaliex bħala werrieta ta' missierhom huma proprjetarji wkoll tal-imsemmija proprjeta` li tħallew b'legati mill-omm Maria Agius.

49. Din il-Qorti ma taqbilx ma din it-teżi tal-intimati u taqbel mal-konklużjonijiet milħuqa mill-Espert Legali.

50. Jingħad, fl-ewwel lok, li m'hemmx kontestazzjoni li l-oġġetti li jiffurmaw parti mil-legati jikkostitwixxu *legato di cose altrui*, fatt li ġie rikonoxxut mit-testatriċi Maria Agius f'kull testment li hija għamlet biex timmodifika t-testment *unica carta* bejnha u bejn żewġha. Id-diżgwid bejn il-partijiet, f'dan il-każ huwa dwar kif l-applikazzoni tal-istitut ta' *legato di cosa altrui*, għandu jsir u d-disposizzjoni tal-liġi applikabbli.

51. Il-prinċipji ġenerali dwar dan il-punt jinsabu ikkonfermati fil-ġurisprudenza, hekk kif fil-każ **Paolo Zammit vs Rosa Zammit** deċiża fit-28 ta' Ġunju 1957, il-Qorti tal-Appell elenkat il-prinċipji dottrinali li huma l-bażi tal-artikolu in kwistjoni u

ġie rilevat li hija kondizzjoni essenzjali għall-validita` tal-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor li jkun hemm id-dikjarazzjoni, mit-testatur innifsu, fit-testment tal-appartenenza tal-ħaġa ta' ħaddieħor. Kif qalet il-Qorti:

> *Mhux rikjesta ebda klawsola jew formula speċjali u hu wkoll indifferenti jekk it-testatur jieħu żball fl-identita` tal-proprjetarju, pero' huwa meħtieġ li jkun hemm dejjem din id-dikjarazzjoni."*

52. Applikat dan il-prinċipju għall-każ odjern, jirriżulta kif sew deskritt u kkwotat mill-Perit Legali fir-rapport tiegħu a fol 445 sa 448 tal-proċess, li Maria Agius it-testatriċi, għamlet id-debita dikjarazzjoni fir-rigward tal-oġġetti imħollija b'legat meta semmiet fit-testmenti tagħha li dawn ma kinux tagħha fl-intier, peress li n-nofs indiviż l-ieħor kien jappartjeni lid-defunt żewġha. Għalhekk, ladarba saret din id-dikjarazzjoni mit-testatriċi, isegwi li l-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor fil-każ tal-lum huwa wieħed validu.

53. Fit-testment datat 23 ta' Marzu 1985 ta' Maria Agius hemm miktub:

> "*Għal kull buon fini u effett tal-liġi, <u>t-testatriċi tiddikjara li taf li l-immobbli kollha minnha imħollija bi prelegat in forza tal-preżenti testment ma jappartjenux lilha fl-interezza tagħhom peress li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u l-mejjet żewġha Joseph Agius</u> iżda xorta waħda trid u tordna li dawn il-prelegati għandhom jiġu konsegwiti per intero mill-prelegatarji rispettivi tagħhom kif fuq istitwiti. Dan b'referenza għall-prelegati mħollija lil Domenico Agius, Paul Agius, John Mary Agius Emanuela sive Emma Agius u Maria Assunta Agius*."

54. Fit-testment ta' Maria Agius datat 21 ta' Ġunju 1988 ingħad:

> "*Għal kull buon fini u effett tal-liġi, <u>t-testatriċi tiddikjara illi taf li l-immobbli u oġġetti tad-deheb kollha minnha imħollija bi prelegat in forza tal-reżenti testment ma jappartjenux lilha fl-interezza tagħhom peress li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ġia eżistenti bejnha u l-mejjet żewġha Joseph Agius</u>, iżda xorta waħda trid u tordna li dawn il-prelegati għandhom jiġu konsegwiti per intero mill-prelegatarji rispettivi tagħhom kif fuq istitwiti minnha. Dan b'referenza għall-prelegati mħollija lil Maria Assunta Agius u Emmanuela sive Emma mart Claude Galea*."

55. Fit-testment ta' Maria Agius datat 12 ta' Jannar 1994, ingħad hekk:

> "*It-testatriċi tiddikjara li taf li tippossjedi biss nofs id-dar peress illi kienet tagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn żewġha iżda trid illi l-prelegatarja tieħu bi prelegat id-dar kollha. Dan b'referenza għall-prelegat imħolli lil Maria Assunta Agius fl-imsemmi l-ewwel artikolu. Fil-ħames artikolu, t-testatriċi Maria Agius <u>tiddikjara li</u>*

*l-parti kbira tal-oġġetti tad-deheb imħollija fiż-żewġ artikoli preċedenti ġew akkwistati minnha u minn żewġha matul iż-żwieġ tagħhom u għalhekk ma jappartjenux kollu lilha iżda lill-komunjoni tal-akkwisti. Madankollu, t-testatriċi tordna illi l-prelegatarji jieħdu l-prelegati fl-interezza tagħhom kif ordnat. Dan b'referenza għat-tieni artikolu tat-testment imsemmi li jirreferi għall-prelegat imħolli lil Doris Psaila, it-tielet artikolu tat-testment imsemmi li jirreferi għall-prelegati mħollija favur Carmela mart Joseph Ghigo, Doris mart Tony Psaila, Maria Assunta Agius, u Emma mart Claude Galea, u r-raba' artikolu tat-testment imsemmi li jirreferi għall-prelegati imħollija favur Alfred, Salvatore, Anthony, John Mary, Paul u Domenico.*"

56. Fit-testment datat 17 ta' Marzu 1994, ma hemm l-ebda dikjarazzjoni għar-rigward tal-prelegat imħolli lil Maria Assunta Agius għal serviġi prestati fl-ewwel artikolu.

57. Din il-Qorti tqis, li in vista ta' dak enunċjat f'ġurisprudenza kostanti, li affermat il-prinċipju li huwa prinċipju bażilari, li fejn hu legalment possibbli r-rieda tat-testatur għandha tiġi rispettata bis-sħiħ. Fil-każ taħt eżami, t-testatriċi Maria Agius, permezz tat-testmenti tagħha suċitati, stabbiliet legati favur uħud minn uliedha. Għaldaqstant, huwa imperattiv, li r-rieda tat-testatriċi kif espressa tiġi rispettata. Dan jinsab enunċjat u affermat f'bosta każijiet fosthom fil-każ **Albert Camilleri vs John Camilleri et** deċiża mill-Qorti tal-Appell, fl-14 ta' Novembru 2000. Is-sentenza tal-ewwel Qorti kif riprodotta fis-sentenza imsemmija kienet qalet hekk:

"*Hawnhekk si tratta ta' legato di cosa altrui peress li n-nofs indiviż tad-dar imħollija lill-attur bħala prelegat kien jappartjeni lir-raġel tat-testatriċi illi jidher li miet qabel l-istess testatriċi. Jidher għalhekk li l-istess nofs indiviż fil-ħin tal-mewt tat-testatriċi kien proprjeta` tal-kontendenti indiviżament bejniethom u dan probabbilment bħala eredi universali ta' missierhom.*

*Skont il-provvedimenti tal-Artikolu 696, 697, 698 u 710 tal-Kodiċi Ċivili (Kap16) il-legat in kwistjoni kien perfettament validu u effikaċi skont il-liġi.*

*Difatti jirriżulta li t-testatriċi fl-imsemmi testment iddikjarat li kienet taf li l-fond in kwistjoni imħolli bħala prelegat lill-attur ma kienx kollu tagħha. Inoltre`, l-istess attriċi għażlet li tabbina mal-imsemmi prelegat kundizzjoni li binha l-attur kellu jħallas fl-assi tagħha is-somma ta' LM 5,000. Kondizzjoni li hi wkoll għal kollox valida fil-liġi (ara artikolu 710 tal-Kodiċi Ċivili).*

*L-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti John Camilleri u Anthony Camilleri ma jistgħux jiġu akkolti peress li l-kondizzjoni illi l-attur*

*għandu jivversa fl-assi tat-testatriċi l-imsemmija somma m'għandha x'taqsam xejn mal-valur in kwistjoni. It-testatriċi kieku riedet, setgħet ma għamlet xejn din il-kundizzjoni u xorta waħda l-prelegat kien ikun pjenament validu skont il-liġi. Difatti, l-imsemmi artikolu 696(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi fil-każ ta' legat 'di cosa altrui' il-werriet jista' jagħżel jew li jakkwista l-ħaġa mħollija b'legat sabiex jgħaddiha lil-legatarju jew iħallas lill-istess legatarju l-valur ġust tal-ħaġa.*

*Għalhekk, il-valur tal-ħaġa mħollija bħala legat jew prelegati u li tkun ta' ħaddieħor, hu immaterjali għall-finijiet tal-validita` tal-istess legat jew prelegat. L-attur għalhekk, għandu kull dritt li jiġi immiss fil-pussess tal-fond in kwistjoni basta jivversa s-somma indikata fl-assi tat-testatriċi. Ma tqumx għalhekk lanqas il-kwistjoni dwar li l-konvenuti ser jiġu pprivati mill-valur reali tas-sehem tagħhom mill-proprjeta` in kwistjoni.*"

Infatti l-Qorti tal-Appell kienet ikkonfermat dak ir-raġunament:

"*Sewwa spjegat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata li l-legat in kwistjoni huwa perfettament validu u effikaċi skont il-liġi, fil-fatt lanqas kien hemm in-necessita` li tabbina l-imsemmi prelegat bil-kundizzjoni tal-versament ta' ħamest elef lira fl-assi ereditarji tagħha da parti tal-legatarju u li fit-termini tal-Artikolu 696(1) tal-Kodiċi Ċivili, l-valur tal-ħaġa imħollija bħala legat jew prelegat u li tkun tappartjeni lil ħaddieħor, jiġifieri l-valur tal-legat di cosa altrui, huwa immaterjali għall-finijiet tal-validita` tal-istess legat jew prelegat, stante proprio dak li jipprovdi l-istess artikolu li jagħti anke possibilta` lill-werriet li jħallas l-istess legatarju l-valur ġust tal-ħaġa jew li jgħaddi l-oġġett lill-legatarju.*

*Tħares minn fejn tħares lejh effettivament, din il-Qorti ma tistax tara kif legalment jistgħu jinġiebu argumenti jew aggravji validi biex jiġi disturbat il-ġudizzju tal-Prim' Istanza u konsegwentement din il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenzi appellati.*" (Ara wkoll **Maria Teresa sive Marthese Cachia et vs Salvinu Caruana et** (401/15) deċiża fit-8 ta' Ottubru 2018).

58. Kif jgħid l-awtur Taljan **Ricci**:

"*la cosa legata puo spettare al testatore in comunione con altra o piu persone; in questo caso, il legato e sempre valido per la parte che sulla cosa commune spetta al testatore; e quanto alle alter parti spettanti agli altri condomini, il legato e valido o invalido secondo che dal testamento risultanti o no che il testatore conosceva spettare non solo a lui, ma ad altri eziandio la cosa legata.*"

59. In vista tal-konsiderazzjonijiet kollha suesposti, din il-Qorti tikkondividi pjenament dak stabbilit u ikkonstatat fir-rapport tal-perit legali Dottor Vincent Galea f'dan ir-rigward, u ser tadotta il-konkluzjoni tiegħu pjenament billi tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tqis li l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames eċċezzjonijiet tal-intimati m'għandhomx jintlaqgħu.

60. B'referenza għar-raba' eċċezzjoni tal-intimati, ġie eċċepit li skont l-Artikolu 726 tal-Kap 16, il-legatarju għandu jitlob lill-werrieta l-pussess tal-ħaġa imħollija lilu b'legat. Infatti, qed jiġi eċċepit li t-talba tal-immissjoni fil-pussess ma tistax tintlaqa' għaliex il-pre-legatarji qed jitolbu li jiġu immissi fil-pussess tal-prelegati mħollija lilhom minn uħud mill-eredi biss, u hemm bżonn l-adeżjoni tal-werrieta kollha.

61. Il-Qorti tosserva li din l-eċċezzjoni ma ġietx trattata mill-Perit legali. L-**Artikolu 726 tal-Kap 16** jipprovdi:

> *(1) Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija bl-legat.*
> *(2) Fil-każ ta' beni immobbli l-legatarju jista' jitlob li l-għoti ta' dak il-pussess isir permezz ta' att pubbliku.*
> *(3) Kemm il-darba t-testatur ma jkunx iddispona xort'oħra, l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu ma' l-att għandhom jitħallsu mil-legatarju.*

62. Kif jingħad f'**Notes on Law of Succession Prof. Victor Caruana Galizia** p.1047; Skont l-Artikolu 726 tal-Kodiċi Ċivili, il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa mħollija b'legat

> "*even though such thing is determinate and found to exist in the estate at the time of the death of the testator. Possession vests by law in the heirs (Section 838) and it is for this reason that the legatee must demand it of the heirs. The transfer of possession is affected by means of delivery of the thing.*"

63. Jirriżulta fil-każ in eżami li l-konvenuti flimkien ma' l-atturi huma kollha werrieta ta' Maria Agius illi bl-ebda mod ma ġew attakkati t-testmenti ta' Maria Agius, liema testmenti ħallew il-legati għalhekk il-legati huma validi kif diġa' ġie espress aktar 'il fuq f'dan il-każ u evidentement m'hemm l-ebda ostakolu għall-immissjoni fil-pussess mitlub mir-rikorrenti. Inoltre, m'hemm xejn x'iżomm lil-legatarji milli jingħataw il-pussess tal-legat. (Ara f'dan is-sens **Agnes Borg vs Charles Zammit et** (205/2001/1) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-20 ta' Mejju 2004; **Baldacchino vs Baldacchino** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-3 ta' Lulju 2003)."

64. Għaldaqstant, in vista tas-suespsot, tiċħad ukoll ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti.

65. Għalhekk, l-ewwel Talba tar-rikorrenti itmmerita illi tintlaqa'.

- **<u>It-Tieni Talba</u> - Il-likwidazzjoni tal-Assi ereditarji ta' Giuseppe Agius u Maria Agius**

  - **Likwidazzjoni tal-assi ereditarji tad-defunt <u>Giuseppe Agius</u>**

66. Jirriżulta li, f'seduta miżmuma quddiem il-Perit Legali Dottor David Camilleri Podesta fis-27 ta' Mejju 2010, il-partijiet qablu li l-assi tad-defunta Maria Agius huma dawk elenkati f'Dok K a fol 41, li hija attwalment id-dikjarazzjoni *causa mortis* datata 22 ta' Novembru 2004.

67. Il-Qorti, għalhekk, ser tgħaddi biex telenka l-assi ereditarji ta' Giuseppe Agius.

**Immobbli:**

i. Korp ta' bini konsistenti f'żewġ flats u żewġ garaxxijiet f'St. Joseph Street Żabbar.
ii. Korp ta' bini konsistenti fi tmien flats u ħames garaxxijiet f'Mater Boni Consigli Street, kantuniera, ma' St. Francis Street, Paola.
iii. Garaxx tal-kejl ta' ċirca 120 m.k. fi Triq F. Tortell, Paola.
iv. Korp ta' bini konsistenti f'żewġ flats magħrufa bħala St Mary Flats u garaxx tal-kejl ta' ċirca 120 m.k. fi Triq F. Tortell Paola.
v. Id-dar "Conjon" St. Paul's Street, Żurrieq mikrija LM55 fis-sena.
vi. Korp ta' bini konsistenti f'żewġ flats magħrufa bħala St. Rocco Flats St. Paul's Street, Żurrieq bil-garaxx sottostanti tal-kejl ta' ċirca 80 m.k. li jagħti fuq St. Catherine Street, Żurrieq.
vii. Il-korp ta' bini konsistenti f'żewġ flats magħrufa bħala St. Paul's Flats, St. Catherine Street Żurrieq biz-żewġ garaxxijiet sottostanti li jagħtu fuq St. Paul's Street, Żurrieq.
viii. Id-dar terran St. Paul's House No. 54 St. Catherine's Street, Żurrieq.
ix. Plots numri 7, 21, 22, 26, 47, 48, 49, 50, 51, 52, 53, 54, 60, 62, 63, 86, 87, 88, 89 u 90 mill-għalqa "Ta', Xjolxa, limiti ta' Ħaż-Żabbar.
x. Plot, Bronja Street, Żurrieq li tikkwalifika bħala building site.
xi. Plot, Bronja Street. Żurrieq li tinsab green belt.
xii. Għalqa fil-limiti tal-Gudja fil-kuntrada taż-Żebbug tal-kejl ta' ċirca 2173 m.k.
xiii. ½ għalqa fil-limiti tal-Qrendi imsejħa Ta' Betti tal-kejl ta' ċirca 2585 m.k.
xiv. L-għalqa fil-limiti taż-Żurrieq imsejħa Tal-Marsa ċirca 712 m.k.
xv. Bilanċ tal-prezz dovut minn Paul Camilleri għall-bejgħ ta' għalqa fil-limiti ta' B'bugia magħrufa bħala "Ta' Madwar il-Wied".

xvi. Trasferiment tal-plots 62 u 63, minn għalqa Ħaż-Żabbar minħabba li Giuseppe Agius kien biegħ lilu żewġ plots oħra li kien diġa' biegħ lil terzi.

**Ċnus:**

a. Ċens annwu u perpetwu gravanti d-dar "Oakdean", St. Paul's Street, Żurrieq.
b. Ċens annwu u perpetwu gravanti d-dar "St. Jude" St. Francis Street, Paola.
c. Ċens annwu u perpetwu gravanti d-dar "St. Mary" St. Francis Street, Paola.
d. Ċens annwu u perpetwu gravanti d-dar "Manolg" St. Francis Street, Paola.
e. Ċens annwu u perpetwu gravanti d-dar "Anton" St. Francis Street, Paola.
f. Ċens annwu u perpetwu gravanti d-dar "Grazzja" St. Francis Street, Paola.
g. Ċens annwu u perpetwu gravanti d-dar "Grazzja" Mater Boni Consigli Street Paola.
h. ¼ miż-Ċens gravanti diversi fondi mibnija fuq għalqa imsejħa "Ta' Misraħ il-Barrieri" Msida.
i. Ċens gravanti "Invicta" Quarries Square, Msida.
j. Ċens gravanti xi fondi fi Quarries Square, Msida dovuti minn Angelo Vassallo.
k. Ċens annwu perpetwu gravanti diversi plots minn għalqa "Ta' Xjolxja" Żabbar.

**Depożiti Bankarji:**

1. Nofs ta' 2 Fixed Deposit Accounts mal-Mid Med Bank illum HSBC Bank Malta Plc. L-ewwel kont b'numru L129292 u s-sehem tiegħu ta' nofs huwa ta' €1234.57, u t-tieni kont bin-numru L208534 u s-sehem tiegħu huwa ta'€1747.03.
2. Nofs l-ammont f'kont Savings u s-sehem tiegħu hu ta' €288.84.

**Vetturi:**

1. Nofs sehem vettura tat-tip Mazda, nofs is-sehem tagħha jammonta għal €1453.53.
2. Nofs sehem vettura tat-tip Fiat u l-valur ta' sehmu jammonta għal €116.47.

**Mobbli u oġġetti:**

1. Għamara, deheb u snieter.
2. Makkinarju fl-ammont totali ta' €14,097.37, u nofs dan l-ammont huwa €7,048.68.

- **Likwidazzjoni tal-Assi ereditarji tad-defunta Maria Agius.**

68. Il-Qorti ser issa tgħaddi biex tillikwida l-assi ereditarji ta' **Maria Agius**.

**Immobbli:**

1. Flat numru 1 St. Paul Flats, Triq Santa Katerina, Żurrieq li huwa fil-preżent mikri b'kirja ta' qabel l-1995 u ġie stmat b'valur ta' €105,000.
2. Garaxx numru 182, Triq San Pawl, Żurrieq li ġie stmat, liberu u frank, fl-ammont ta' €38,000.
3. Dar "Conjon" 187, Triq San Pawl, Żurrieq li hija soġġetta għal kirja ta' qabel l-1995 u li ġiet stmata b'valur ta' €140,000.
4. Garaxx 26, Triq Santa Katerina, Żurrieq li ġie stmat liberu u frank fl-ammont ta' €116,000.
5. Garaxx stradali mibni fuq plot 19, Triq in-Nissieġ, Żabbar, li ġie stmat b'valur, fil-2004 ta' €126,000 u, fis-sena 2019, ta' €140,000 - **Dan tħalla bi prelegat lil Domenico Agius, fil-preżent jinsab fil-pussess ta' Stephen Agius**.
6. Mezzanin mibni fuq plot numru 19 Triq in-Nissieġ li ġie stmat b'valur, fl-2004 ta' €130,500 u fil-2019 ta' €145,000 - **Dan tħalla bi prelegat lil Domenico Agius u fil-preżent jinsab fil-pussess ta' Stephen Agius**.
7. Garaxx numru 10, fi Triq Perit F. Tortell, Paola li ġie stmat b'valur, fis-sena 2004, ta' €135,000 u fil-2019 ta' €150,000 - **Dan tħalla bi prelegat lil John Mary Agius**.
8. Garaxx numru 14 Triq Perit F. Tortell, Paola li ġie stmat liberu u frank b'valur fl-2004 ta' €148,500 u fil-2019 ta' €165,000 - **Dan tħalla bi prelegat lil Paul Agius.**
9. Flat no.1 St. Mary Flats, numru 12, Triq il-Perit F. Tortell, Paola, li ġie stmat, liberu u frank, b'valur fl-2004 ta' €121,500 u fil-2019 fl-ammont ta' €135,000 - **Dan tħalla bi prelegat lil John Mary Agius.**
10. Flat no.2 St. Mary Flats, numru 12, Triq il-Perit F. Tortell, Paola, li ġie stmat, liberu u frank, b'valur fl-2004 ta' €117,000 u fil-2019 ta' €130,000 - **Dan tħalla bi prelegat lil Paul Agius u tgħix fih mart id-defunt Paul Agius.**
11. Id-dar 32, qabel 54, St. Paul, Triq Santa Katerina, Żurrieq li ġie stmat bil-valur, fl-2004 ta' €504,000 u fil-preżent fl-ammont ta' €560,000. **Fil-preżent tgħix fih l-attriċi Maria Assunta Caruana**.
12. Plot nru.7 Triq in-Nissieġ, Żabbar li ġie stmat, liberu u frank, fl-ammont ta' €196,000).
13. Plot nru.21 fi Triq in-Nissieġ, Żabbar li ġie stmat, liberu u frank, fl-ammont ta' €224,000.
14. Tmien plots kontigwi fi Triq in-Nissieġ, Żabbar markati minn 47 sa 54, it-tnejn inklużi, li ġew stmati, liberi u franki, kif ġej:

a. Plot 47 fl-ammont ta' €196,000.
b. Plot 48 fl-ammont ta' €192,000.
c. Plot 49 fl-ammont ta' €66,000.
d. Plot 50 fl-ammont ta' €12,200.
e. Plot 51 fl-ammont ta' €13,300.
f. Plot 52 fl-ammont ta' €13,500.
g. Plot 53 fl-ammont ta' €13,200.
h. Plot 54 fl-ammont ta' €14,500.

15. Il-plot numru 60 fi Triq in-Nissieġ, Żabbar ġiet stmata art libera u franka fl-ammont ta' €18,200.
16. Żewġ Plots kontigwi fi Triq in-Nissieġ, Żabbar ġew stmati liberi u franki kif ġej:
    a. Plot 63 fl-ammont ta' €13,200.
    b. Plot 63 fl-ammont ta' €68,500.
17. Ħames plots kontingwi fi Triq in-Nissieġ, Żabbar mmarkati numru 86 sa 90, it-tnejn inkużi li ġew stmati bħala liberi u franki kif ġej:
    a. Plot 86 fl-ammont ta' €150,000.
    b. Plot 87 fl-ammont ta' €40,000.
    c. Plot 88 fl-ammont ta' €14,400.
    d. Plot 89 fl-ammont ta' €14,700.
    e. Plot 90 fl-ammont ta' €19,800.
18. Għalqa fil-limiti tal-Ġudja magħrufa bħala Taż-Żebbuġ stmata libera u franka fl-ammont ta' €102,000.
19. Għalqa fil-limiti taż-Żurrieq magħrufa bħala Tal-Marsa, stmata bħala libera u franka fl-ammont ta' €21,000.
20. Porzjon diviża ta' art fiż-Żurrieq fi Triq Bronja magħrufa bħala Tal-Andar, stmata bħala libera u franka fl-ammont ta' €22,000.

**Ċnus:**

**A. Nofs indiviż mis-segwenti directa dominia perpetwi u l-annwu perpetwu ċens relattiv fuq dawn il-beni:**

1. LM6 imposti fuq id-dar numru 3 u 5 Casa Vassalli, fi Triq Ġwann Mamo, L-Imsida.
2. LM13 imposti fuq id-dar numru 18, Triq Ġwann Mamo, L-Imsida.
3. LM87 imposti fuq l-istabbiliment Invicta numru 5 u 7 fi Triq is-Snajja, L-Imsida.

4. LM12 imposti fuq id-dar numru 81, Anton, fi Triq San Franġisk, Paola.
5. LM12 imposti fuq id-dar numru 83, Triq San Franġisk Paola.
6. LM9 imposti fuq id-dar numru 63, Triq San Franġisk, Paola.
7. LM18.95 impost fuq id-dar numru 73 Triq San Franġisk Paola.
8. LM14 impost fuq id-dar numru 341 fi triq Mater Boni Consigli, Paola.
9. LM9 imposta fuq id-dar 67, St. Jude fi Triq San Franġisk, Paola.

**B. Nofs indiviż mis-segwenti directa dominia perpetwi u l-annwu perpetwu ċens relattiv fuq il-beni f'Ħaż-Żabbar formanti parti mill-imsejħa Xjolxja u ċioe`:**

10. LM84 imposti fuq il-plot 30 u 31 mill-art ta' Xjolxja, f'Ħaż Żabbar fi Triq in-Nissieġ, Żabbar.
11. LM42 imposti fuq il-plot numru 33 mill-istess art fuq imsemmija.
12. LM42 imposti fuq Casa Formosa mibnija fuq plot 26 mill-art fuq imsemmija fi Triq in-Nissieġ, Żabbar.
13. LM42 impost fuq id-dar bla numru stradali bl-isem Woodstock, fi Triq in-Nissieġ Żabbar, qabel plot nru 44 mill-art fuq imsemmija.
14. LM42 imposti fuq id-dar Relax qabel plot nru.8 fi Triq in-Nissieġ, Żabbar.
15. LM42 imposti fuq id-dar Our Lady of Grace, bla numru stradali, qabel il-plot Nru.9 fi Triq in-Nissieġ, Żabbar.
16. LM105 imposti fuq il-plots numru 5 u 6 il-plot nr.4 mill-art fuq deskritta f'Ħaż Żabbar.
17. LM42 imposti fuq il-plot numru 65 mill-art fuq imsemmija f'Ħaż Żabbar.
18. LM42 imposti fuq id-dar bla numru stradali Charel House, qabel plot 66 fi Triq in-Nissieġ, Żabbar.
19. LM42 imposti fuq id-dar bla numru stradali bl-isem Sant Antnin qabel plot numru 25 fi Triq in-Nissieġ, Żabbar.
20. LM42 fuq il-plot numru 55, Triq in-Nissieġ, Żabbar.
21. LM42 fuq il-plot numru 56 Triq in-Nissieġ, Żabbar.
22. LM42 fuq il-plot numru 58 Triq in-Nissieġ, Żabbar.
23. LM84 fuq il-plots numri 83 u 84, it-tnejn kontigwi għal xulxin Triq in-Nissieġ, Żabbar.
24. LM42 fuq id-dar bla numru stradali bl-isem Ananas, qabel kienet il-plot numru 80, Triq in-Nissieġ, Żabbar.
25. LM42 fuq id-dar bla numru stradali bl-isem La Rochelle qabel kienet il-plot numru 16, Triq in-Nissieġ, Żabbar.

26. LM42 fuq il-plot numru 59, Triq in-Nissieġ, Żabbar.
27. LM63 fuq id-dar bla numru stradali bl-isem Ariana qabel kienu l-plot numru 37 u 36, Triq in-Nissieġ, Żabbar.
28. LM 42 fuq id-dar bla numru stradali bl-isem New Haven, qabel il-plot numru 32 Triq in-Nissieġ, Żabbar.
29. LM42 fuq id-dar bla numru stradali bl-isem Josephine qabel il-plot numru 12 Triq in-Nissieġ, Żabbar.
30. LM42 fuq il-plot numru 18, Triq in-Nissieġ, Żabbar.
31. LM240 fuq il-villa bla numru stradali ġġib l-isem Villa Serena qabel il-plots numri 74 sa 79 fi Triq in-Nissieġ, Żabbar.
32. LM42 fuq il-plot numru 61, Triq in-Nissieġ, Żabbar.
33. LM42 fuq il-plot numru 41, Triq in-Nissieġ, Żabbar.
34. LM42 fuq id-dar bla numru stradali bl-isem Dorianne qabel il-plot numru 28 Triq in-Nissieġ, Żabbar.
35. LM42 fuq il-plot numru 29 Triq in-Nissieġ, Żabbar.

**Depożiti Bankarji:**

1. Tlett kontijiet bankarji 047077953102, 047077953101, 047077953100 mal-HSBC Bank Malta Plc li ngħalqu fid-9 ta' Ġunju 2004, u r-rikavat tagħhom inqasam bejn l-aħwa Agius kif jidher minn fol 175, 176 u 177.

2. Tlett kontijiet mal-Bank of Valletta plc:

    a. Kont tat-tfaddil numru 17909454012 li sal-24 ta' Diċembru2010 kien fih €1367.87 (fol 146).
    b. Kont tat-tip term-deposit numru 17909454041 li sas-7 ta' Frar 2011 kien fih €28,670.91(fol 159).
    c. Kont tat-tip term deposit numru 40011338527 li sal-25 ta' Frar 2011 kien fih €11,827.77 (fol 169).

3. Kontijiet mal-Valletta Fund Management.
4. Vilhena Funds Sicav plc li sat-28 ta' Settembru 2011 kien hemm 40.563 ishma b'valur ta' €18,329.93 (fol 33).
5. La Valette Funds Sicav plc li sat-28 ta' Settembru 2011 kien hemm 1410.437 ishma b'valur ta' €9,925.25 (fol 178).
6. Middlesea Insurance plc (mix-xhieda ta' Carlo Farrugia jirriżulta li d-defunta Maria Agius kellha 2020 sehem sat-30 ta' Settembru 2011 (fol 181).

**Għamara u makkinarju:**

1. Għamara fil-fond 31, St. Paul's House, Triq Santa Katerina, Żurrieq.
2. Nofs ir-rimanenti valur tal-makkinarju indikat fid-denunzja ta' Giuseppe Agius €7048.68.

- **It-Tielet, ir-Raba' u l-Ħames Talbiet – Qsim u bejgħ b'liċitazzjoni**:

69. Jirriżulta illi l-atturi talbu lill-Qorti sabiex taqsam l-assi, hekk likwidati, bejn il-kontendenti fis-sehem rispettiv tagħhom filwaqt illi tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dawk il-beni li mhumiex komodament diviżibbli bl-ammissjoni ta' offerenti estranei taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni, u li r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti fis-sehem rispettiv tagħhom, u sabiex jiġi nominat Nutar Pubbliku għall-att ta' diviżjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi.

70. Il-Qorti tibda billi tosserva li, permezz tat-testment *unica carta* datat 26 ta' Jannar 1972, il-konjuġi Agius kienu istitwew lill-għaxar ulied kollha tagħhom bħala eredi universali. It-testmenti kollha sussegwenti li għamlet Maria Agius kienu biss in aggiunta biex ġew ikkreati il-legati imħollija, u bl-ebda mod ma jħassru din il-klawsola fejn l-ulied tħallew eredi universali.

71. Għalhekk, salv għall-prelegati imħollija, kull wieħed mill-ulied huwa eredi universali tal-ġid imħolli mid-defunti konjuġi Agius f'sehem ta' wieħed minn għaxra (1/10).

72. In vista tas-suespost, kull wieħed u waħda mill-partijiet għandhom jirtu l-assi tad-defunti konjuġi Agius skont is-segwenti.

    1. Michelle Sultana, Alice Cuschieri, Valerie Salerno u Stephen Agius, lkoll ulied il-mejjet Domenico Agius, wiehed mill-aħwa - 1/40 kull wieħed u waħda minnhom.
    2. John Agius u Mary Lourdes Agius, ilkoll ulied il-mejjet Paul Agius, wieħed mill-aħwa - 1/20 kull wieħed u waħda minnhom, kif soġġett għas-sehem għall-użufrutt ta' ommhom Mary Agius.
    3. John Mary sive Jimmy Agius - 1/10 sehem
    4. Maria Assunta Caruana - 1/10 sehem
    5. Alfred Agius - 1/10 sehem
    6. Anthony Agius - 1/10 sehem
    7. Carmela Għigo - 1/10 sehem
    8. Salvatore Agius - 1/10 sehem
    9. Maria Dolores Psaila - 1/10 sehem
    10. Emanuela Galea - 1/10 sehem

73. L-assi immobbiljari li mhumiex soġġetti għall-prelegati għandhom jinbiegħu b'bejgħ b'liċitazzjoni kif mitlub mill-istess rikorrenti.

74. Id-depożiti bankarji fil-kontijiet tal-BOV Bank għandhom jinqasmu skont l-ishma rispettivi hawn fuq elenkati.

75. Iż-żewġ kontijtiet tal-Valletta Fund Mangement għandhom jinbiegħu u jinqasmu bejn il-partijiet skont il-kwoti rispettivi supraċitati. L-istess japplika għall-ishma li hemm fil-Middlesea Insurance.

76. Rigward iċ-ċnus, salv jekk il-partijiet jaqblu bejniethom dwar kif għandhom jinqasmu bejniethom, dawn għandhom jibqgħu jinġabru mill-kontendenti, jitqiegħdu f'kont komuni u r-rikavat jinqasam kull sena skont il-kwoti rispettivi tal-kontendenti. Jekk ikun hemm fidi ta' ċens dan jinqasam bejn il-partijiet.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrenti u tal-konvenuti;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti.

**Tilqa' l-__Ewwel Talba__** tar-rikorrenti u tordna lill-konvenuti sabiex fi żmien perentorju ta' xahrejn mil-lum, jimmittu lil kull wieħed u waħda mir-rikorrenti fil-pussess tal-prelegati imħollija lilhom minn ommhom Maria Agius bit-testmenti tagħha kif fuq spjegat.

**Tilqa' t-__Tieni Talba__** tar-rikorrenti u tillikwida l-assi ereditarji rispettivi tad-defunti Giuseppe Agius u Maria Agius fl-assi immobbli u mobbli kif murija fil-parti ta' din is-sentenza bit-titolu "**It-Tieni Talba**" "**Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Giuseppe Agius u Maria Agius.**"

**Tilqa' t-__Tielet Talba__** tar-rikorrenti u taqsam l-assi likwidati bejn il-kontendenti fis-sehem rispettiv tagħhom kif indikat, f'paragrafu 72, b'dan li Michelle Sultana, Alice Cuschieri u Valerie Salerno u Stephen Agius għandhom sehem ta' wieħed minn erbgħin kull wieħed (1/40), John Agius u Maria Lourdes Agius għandhom sehem ta' wieħed minn għoxrin kull wieħed(1/20) kif soġġett għas-sehem tal-użufrutt ta' ommhom Maria Agius, filwaqt li John Mary Agius, Maria Assunta Caruana, Alfred Agius, Anthony Agius, Carmela Ghigo, Salvatore Agius, Maria Dolores Psaila u Emanuela Galea għandhom kull wieħed u waħda minnhom sehem ta' wieħed minn għaxra (1/10).

**Tilqa'** r-**<u>Raba' Talba</u>** tar-rikorrenti u tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni bl-ammissjoni tal-obblaturi estraneji, tal-beni kollha immobiljari li mhumiex soġġetti għall-prelegati skont l-Ewwel Talba, li mhumiex komodament diviżibbli, u li r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti fis-sehem rispettiv tagħhom kif indikat fit-tielet talba.

Dwar il-flejjes depożitati fil-kontijiet tal-Bank of Valletta p.l.c. dawn għandhom jiġu żbankati u jinqasmu skont is-sehem rispettiv tal-partijiet. Dwar iż-żewġ kontijiet mal-Valletta Fund Management, dawn għandhom jinbiegħu u r-rikavat jinqasam skont is-sehem rispettiv tal-kontendenti. L-istess għandu jsir rigward l-ishma tal-Middlesea, dawn għandhom jinbiegħu u jinqasmu skont il-kwota rispettiva ta' kull parti. Dwar id-diversi ċnus, dawn għandhom jibqgħu jinġabru, jitqiegħdu f'kont komuni u r-rikavat jinqasam kull sena skont il-kwoti rispettivi tal-partijiet, u jekk isir xi fidi ta' xi ċens l-ammont irid jinqasam bejn il-partijiet.

**Tilqa' l-<u>Ħames Talba</u>** tar-rikorrenti billi tordna li jiġi nnominat Dr Robert John Muscat bħala Nutar Pubbliku għall-pubblikazzjoni tal-att ta' diviżjoni relattiv u l-kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi.

**L-ispejjeż** għall-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku tal-konvenuti kollha in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur